

32003D0016

11.1.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 7/91

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-10 ta' Jannar 2003

li temenda d-Deċiżjoni 2000/159/KE dwar l-approvazzjoni proviżorja rigward il-pjani tal-fdalijiet tal-pajjiżi terzi skond id-Direttiva 96/23/KE

(innotifikata fid-dokument bin-numru K(2002) 5565)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2003/16/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996, dwar il-miżuri sabiex jiġu mmonitorjati ċerti sustanzi u fdalijiet ta' dawn fil-bhejjem ħajjin u l-prodotti mill-bhejjem u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar il-problemi ta' l-ispezzjon tas-saħħa u veterinarji ma' l-importazzjoni tal-bhejjem tal-fart u l-ħnieżer u l-laħam frisk minn pajjiżi terzi ⁽²⁾, kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 1452/2001/KEE ⁽³⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/159/KE tat-8 ta' Frar 2000 dwar l-approvazzjoni proviżorja rigward il-pjani tal-fdalijiet tal-pajjiżi terzi skond id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE ⁽⁴⁾, kif emendata bid-Direttiva 2000/336/KE ⁽⁵⁾, telenka l-pajjiżi terzi li ssottomettew pjan, fejn jiddikjaraw il-garanziji offruti mill-pajjiżi terzi rigward il-monitoraġġ tal-gruppi tal-fdalijiet u tas-sustanzi riferiti fl-Anness I mad-Direttiva 96/23/KE.
- (2) Ċertri pajjiżi terzi ppreżentaw pjani tal-monitoraġġ tal-fdalijiet lill-Kummissjoni għall-prodotti u l-ispeċji mhux indikati oriġinalment fl-Anness mad-Deċiżjoni 2000/159/KE. Il-valutazzjoni ta' dawn il-pjani ta' moni-

toraġġ u t-tagħrif addizzjonali mitlub mill-Kummissjoni pprovdiet garanziji biżżejjed dwar il-monitoraġġ tal-fdalijiet f'dawn il-pajjiżi terzi għall-prodotti jew l-ispeċji indikati.

- (3) Id-Deċiżjoni 2000/159/KEE għandha għalhekk tiġi emendata kif jixraq,
- (4) Il-miżuri pprovvduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness mad-Deċiżjoni 2000/159/KE huwa emendat kif iddikjarat fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Jannar 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 125, tat-23.5.1996, p. 10.

⁽²⁾ ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.

⁽³⁾ ĠU L 198, tal-21.7.2001, p. 11.

⁽⁴⁾ ĠU L 51, ta' l-24.2.2000, p. 30.

⁽⁵⁾ ĠU L 116, tat-3.5.2002, p. 51.

L-ANNESS

L-Anness mad-Deċiżjoni Nru 2000/159/KE huwa emendat kif ġej:

Ir-ringieli li jirrigwardaw il-Belize, l-Estonja, il-Gżejjer Falkland, il-Mozambique, in-Namibja, in-New Caledonia, it-Tajwan u l-Venezuela huma mibdula bir-ringieli korrispondenti:

Il-Kodiċi ta' l-ISO	Il-Pajjiż	Il- Bovini	L-Ovini/ kaprini	Il-Ħnieżer	L-Ekwini	It-Tjur	L- Akwakultu- ra	Il-Ħalib,	Il-Bajd,	Il-Fenek	Il-Kaċċa tas- selvaġġina	Il-Kaċċa mkabbra fir- rziezet	Il-Għasel
BZ	Il-Belize						X						
EE	L-Estonja	X	X	X	X ⁽¹⁾	X	X	X	X		X		X
FK	Il-Gżejjer Falkland		X										
MZ	Il-Mozambique						X						
NA	In-Namibja	X	X				X				X	X	
NC	In-New Caledonia	X					X				X	X	
TW	It-Tajwan						X						X
VE	Il-Venezuela						X						

(¹) Esportazzjoni ta' żwiemel ħajjin għall-qatla (annimali li jipproduċu l-ikel)